**24 ta' Frar, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Edward Xuereb

*versus*

Edward Schembri

**Lokazzjoni — Enfitewsi — Rigal — Rifużjoni — Art. 7(1) tal-Ordinanza XVI tal-1944.**

*Hadd ma għandu jitlob jew jilqa', bħala kondizzjoni tal-għoti, tiġdid jew issuktar, ta' kirja ta' xi dar, ħlas ta' xi rigal jew ta' xi flus oħra bħal dan, jew l-għoti ta' xi ħaġa li tkun, minbarra l-kera; u meta jsir xi ħlas bħal dan, jew tingħata ħaġa li tkun, il-bniedem li jkun għamel il-ħlas jew ta' l-ħaġa, jew il-werrieta tiegħu, ikunu jistgħu ifittċu sabiex jieħdu lura dawk il-flejjes jew is-siwi ta' dik il-ħaġa.*

*Din id-dispożizzjoni tal-liġi też'ġi li r-rigal ikun ingħata, minbarra l-kera, fil-każ ta' konċessjoni, renova. jew kontinwazzjoni ta' kera; imma, billi din hija dispożizzjoni ta' effetti penali, oltre ċivili, ma tistgħax tiġi estiża b'analoġija għall-każ ta' għoti ta' dar b'ċens; u għalhekk ma hemmx lok għar-rifużjoni ta' rigal mogħti fl-okkażjoni ta' konċessjoni ta' dar li ssir b'titolu ta' enfitewsi.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, peress li l-konvenut kien joqgħod fid-dar 45B Reid Street, Gżira, u biex l-attur ikun jista' jokkupaha u jieħu ċ-ċavetta f'idejh ħallas lill-konvenut ir-rigal ta' £65 (dok. A); u illi l-konvenut, skond l-imsemmija riċevuta, qiegħed jippretendi, inveridikament, li huwa rċieva l-imsemmi ammont bħala ħlas ta' xogħol magħmul fil-post; talab (1) li jkun dikjarat u deċiż li d-dikjarazzjoni magħmula mill-konvenut fl-imsemmija riċevuta hija inveridika u falza, billi fil-fatt il-konvenut irċieva l-imsemmi ammont bħala rigal; (2) u li l-konvenut ikun kundannat iħallas u jirrestitwixxi lill-attur is-somma ta' £65 fuq imsemmija, bl-imgħax legali mill-ewwel ta' April 1957. B'riżerva għall-

azzjoni kriminali, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-10 ta' Lulju 1957, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-attur ħallas lill-konvenut £65 biex dan ħareġ middar numru 45B. Reid Street, Gżira, li kien jikri, u li l-attur ħa b'ċens għal 17 il-sena minn għand is-sid Antonia Mallia. Il-konvenut taħ l-irċevuta dok. A, fejn jingħad li l-flus irċevihom "bħala ħlas tax-xogħol magħmul fil-post li l-lum lilu ċedejt". L-attur ipprotesta, billi sostna, kif qiegħed jagħmel f'dil-kawża, li l-ammont ħallsu bħala rigal. Il-konvenut qiegħed isostni li rċieva l-flus għax-xogħol li kien għamel fil-post;

Id-dikjarazzjoni li l-attur qiegħed jitlob, illi l-irċevuta hija inveridika u falza għax fil-fatt il-konvenut irċieva l-flus bħala rigal, hija preordinata għat-talba għall-kundanna tal-konvenut għar-restituzzjoni tas-somma fuq riferita, u hija sorretta mill-istess interess ġuridiku ta' din l-istess talba;

L-attur jibbaża l-azzjoni fuq l-art. 7(1) tal-Ordinanza XVI tal-1944, fejn huwa dispost illi "ħadd ("a person" fit-test ingliż) ma għandu jitlob jew jilqa', bħala kondizzjoni tal-għoti, tiġdid jew issuktar, ta' kirja ta' xi dar, ħlas ta' xi rigal jew ta' xi flus oħra bħal dan, jew l-għoti ta' xi ħaġa li tkun, minbarra l-kera; u meta jsir xi ħlas bħal dan, jew tingħata ħaġa li tkun, wara li din l-Ordinanza tibda sseħħ, il-bniedem li jkun għamel il-ħlas jew ta l-ħaġa, jew il-werrieta tiegħu, ikunu jistgħu jfittċu sabiex jieħdu lura dawk il-flejjes jew is-siwi ta' dik il-ħaġa";

Din id-dispożizzjoni teżiġi li r-rigal jingħata, minbarra l-kera, fil-każ ta' konċessjoni, renova jew kontinwazzjoni ta' kera; u skond l-art. 2 tal-Ordinanza riferita, "dar" tfisser "bini, sehem minn bini mikri għalieh, jew kamra mikrija għaliha, li jkunu mikrijin prinċipalment bħala dar jew post fejn wieħed joqgħod; u tfisser ukoll art imdaħħla mal-lok mikri, iżda ma tfisserx bini, sehem minn bini jew

kamra, meta dawn ikunu mqabblin flimkien ma' raba' ";

L-artikolu 7 riferit jikkontempla materja ta' lokazzjoni ta' dar, kif jidher ukoll mid-dispożizzjonijiet l-oħra tal-Ordinanza u mit-Titolu tagħha stess ("Ordinanza li trażżan il-kera fuq id-djar, u li ddaħħal xi dispożizzjonijiet dwar il-kiri tagħhom"). U peress li l-imsemmija dispożizzjoni hi ta' effetti penali, oltre ċivili, ma tistgħax tiġi estiża b'analoġija għall-każ ta' għoti ta' dar b'ċens (v. wkoll deċiżjoni Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-24 ta' Ġunju 1955, "Camilleri vs. Chircop");

Mill-flus li rċieva, il-konvenut ta lis-sid Antonia Mallia £10. Darba, però, li l-imsemmi art. 7(1) ma japplikax għall-każ ta' għoti ta' dar b'ċens, ma hemmx għalfejn issir l-indaġini tal-kwistjonijiet ġuridiċi li setgħu jinqalgħu bl-aċċettazzjoni tal-£10 kieku s-sid, f'lok b'ċens, tat b'kiri l-fond lill-attur. Lanqas ma hemm għalfejn jiġi eżaminat jekk il-konvenut nefaqx fil-post l-ekwivalent ta' kemm tħallas;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad it-talbiet tal-attur; bl-ispejjeż.